MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Mandat Numru. 771/2011/1

**Keith John Abela Fitzpatrick**
**vs**
**Salvatore Cutajar bin il-mejtin Joseph u Carmela nee Sacco imwieled u residenti Hal Kirkop u Leonarda Cutajar bint**
**il-mejtin Leonarda Falzon u Rone nee Sacco imwielda u residenti Hal Kirkop**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tat-3 ta' Gunju 2011;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta Gunju 2011 fejn laqghet provvizorjament
it-talba tar-rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-intimata li saret fis-17 ta' Gunju 2011;

Rat ir-risposta tal-intimat li saret seduta stante fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2011;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-8 ta' Lulju 2011.

Premess li l-ghan ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu r-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikkorent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

It-talba tar-rikorrenti hi immirata biex izzomm lill-intimati milli jiddisponu mill-proprjetajiet rispettivi taghhom cioe il-fond 14(1) St. Peter Street, Kirkop appatenenti lill-intimata u l-fond 9/5, Verde Mare Park, Triq il-Bajja, Salini limiti tan-Naxxar peress illi r-rikorrenti ghandu pretensjoni kontra l-istess intimati naxxenti minn skrittura ta' ammissjoni ta' debitu datata 6 ta' Marzu 2008 fl-ammont ta' Euro 37,270 liema pretensjoni hi is-suggett ta' kawza bejn ir-rikorrenti u l-intimati quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Din l-iskrittura saret in segwitu ghal kancellament ta' konvenju li l-istess rikorrenti kellu mas-socjeta S.C. and Company Limited liema konvenju kien gie kancellat peress illi l-art soggetta ghal konvenju ma kienitx fabbrikabbli. L-ammont in disputa hu d-depozitu li thallas mir-rikorrenti fuq il-konvenju mizmum mill-kumpanija li taghha l-intimati, mizzewwgin izda legalment separati huma azzjonisti flimkien ma' uliedhom.

L-iskrittura li saret fis-6 ta' Marzu 2008 annessa mal-atti tal-kawza fl-istess ismijiet (Rik.Gur. Nru.158/2010) tikkontjeni dikjarazzjoni tal-intimati qua debituri personali w in rappresentanza tal-kumpanija li huma jaqblu li jhallsu lil kreditur l-ammont kollu dovut flimkien mal-imghax skond il-ligi mal-ewwel bejgh li ser isir mill-proprjeta tas-socjeta S.C. and Company Limited.

Hi l-kontenzjoni tar-rikorrenti illi l-kumpanija llum ghandha diffikultajiet finanzjarji kbar, qed isiru kawzi anki fost l-azzjonisti stess ghall-istralc tal-kumpanija u ghalhekk mhix f'pozizzjoni li tbiegh proprjeta biex tissalda d-debitu. In oltre l-intimata qed tbiegh proprjeta personali taghha minghajr ma jithallas ir-rikorrenti u ghalhekk il-mandat hu bzonnjuz biex jigi protett id-dritt tar-rikorrenti.

L-intimata tirrispondi illi tammetti li l-kreditu pretiz hu dovut mill-kumpanija izda mhux minnha personalment billi d-debitur hi il-kumpanija u l-hlas isir biss mill-bejgh ta' proprjeta tal-kumpanija.

L-intimat jirrispondi li ma ghandux hsieb jevadi l-hlas dovut pero hemm diversi intoppi gejjin minn naha ta' martu li meta kienet tiggestixxi l-kumpanija naqset li tonora l-obbligi tal-kumpanija kif ukoll ghaliex recentement bdiet titrasferixxi il-proprjeta personali taghha lil terzi.

Il-Qorti tqis illi prima facie r-rikorrenti pprova li hu ghandu jedd kontra l-intimati li fl-iskrittura tal-2008 iddikjaraw ruhhom ko-debituri mal-kumpanija li fiha huma azzjonisti. Jirrizulta ukoll illi l-hlas kellu jsir malli l-kumpanija tbiegh proprjeta, prospett li jidher al kwantu difficli peress illi hemm hafna dizgwid bejn l-azzjonisti tal-kumpanija u jidher li anki nbdew proceduri tal-istralc. Anki mit-trattazzjoni quddiem il-Qorti deher in-nuqqas ta' qbil bejn l-intimati. Minghajr ma l-Qorti tidhol fil-mertu tal-azzjoni, jekk ir-rikorrenti permezz tal-iskrittura ghandu dritt fil-konfront tal-intimati personalment qua debituri tieghu, l-istess rikorrenti jista' jsib ruhu f'diffikulta u pregudizzju serju li jithallas jekk il-kumpanija tigi xolta u l-intimati jbieghu l-proprjeta personali taghhom bla ma jkun hemm

assi ohra li fuqhom ir-rikorrenti jkun jista’ jirreklama l-kreditu tieghu.

Ma sar ebda argumentazzjoni dwar il-valuri tal-immobbli mertu ta’ dan ir-rikors u lanqas jidher li hemm xi kontestazzjoni li dawn il-proprjetajiet huma ta’ terzi u mhux tal-intimati.

Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti qed tilqa’ t-talba tar-rikorrenti kif mitluba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni fil-konfront tal-intimati fuq il-proprjetajiet hemm imsemmija. Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------